**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 25 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 721/02AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u Din ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif Surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Albert P. Mamo sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Kevin Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tletin

centezmu (Lm185.30) rimbors ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' Awissu 2000 gewwa r-Rabat, Ghawdex, bejn il-vettura bin-numru APM 528 misjuqa minn George Camilleri u propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici u l-vettura numru KAM 528 misjuqa mill-konvenut Kevin Debono, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lil Mark Axiaq in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti minn fejn jirrizulta ampjament li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tletin centezmu (Lm185.30), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez  (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**